# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 300/2021 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**David Sacco K.I. 366863(M)**

**vs**

**Rose Sacco K.I. 278078(M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' David Sacco, datat 13 ta' Lulju 2021, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti David Sacco u Rose Sacco izzewwgu nhar id-disgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disgha mija u hamsa u tmenin (29-06-1985) gewwa l-Parrocca ta' Hal Luqa, certifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok 'A';*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar l-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';*

*Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu hamest itfal, tnejn maggorenni u jahdmu u tlieta ghalkemm maggorenni, jistudjaw fuq bazi full time;*

*Illi Ruby, Jade u Amber li huma maggorenni u jistudjaw fuq bazi full time, jabitaw*

*mal-esponenti, u l-omm tivversa l-manteniment mifthiem ai termini tal-Klawzola numru hamsa (5) (ii) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-anness kuntratt u l-esponenti jiddikjara Ii ma jeziztu ebda pendenzi jew arretrati rigward manteniment (vide. Dok. 'B');*

*Illi inoltre ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jinghad f'paragrafu numru erbgha (4), tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'B');*

*Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull waħda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-konjugi inoltre ilhom separati de facto sa mis-sena elfejn u tlettax (2013) kif jirrizulta fl-ewwel pagna tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

*Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:***

1. *Tippronunzja l-hall taz-żwieġ ta' bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, naqset milli tippresenta r-risposta taghha, u lanqas ma dehret ghas-seduti mhejijja, ghaldaqstant hija kontumaci (Vide fol 21);

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat sabiex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art. 158(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi minkejja dan, l-intimata baqghet inadempjenti (vide fol 21);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**David Sacco xehed** (vide affidavit fol 4) illi l-partijiet zzewgu fl-1985 u minn dan iz-zwieg twieldu hamest itfal. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat l-10 ta' April 2017, izda ilhom separati de facto minn Lulju 2013. Iddikjara illi mis-sena 2013 qatt ma rrikonciljaw u lanqas ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li llum jghixu hajja separata minn xulxin. Sostna illi minn dan iz-zwieg twieldu hamest itfal, it-tnejn iz-zghar ghandhom wiehed u ghoxrin sena u jistudjaw full time u jghixu mieghu. Ikkonferma illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment dovut.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li***

***jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Gunju 1985, liema zwieg jgib certifikat numru 1114/1985 (Vide Dok A, certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu hamest itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat l-10 ta' April 2017, fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono. Jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mit-28 ta' Lulju 2013 (vide kuntratt ta' separazzjoni, a fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', il-Qorti taghraf illi ma jidher li hemm ebda eccezzjoni li din il-Qorti ghandha tqanqal ex-officio u dana fid-dawl tal-kontumacja tal-intimata.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1114/1985 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**